MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 1019/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**( C – 3177)**

**vs**

**Attard Rennie (karta ta’ l-identita` numru 159478 (M)) u Gatt Diane (karta ta’ l-identita` numru 376683 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-19 t’Ottubru, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi l-intimati fuq indikati nghataw self mis-socjeta` rikorrenti ai termini tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg datat is-16 ta’ Novembru, 2005;

2. Illi nonostante li effettwaw diversi pagamenti, l-intimati baqghu debituri tas-socjeta` rikorrenti;

3. Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-kuntratt fuq riferit;

4. Illi in vista tas-suespost is-socjeta` rikorrenti qieghda titlob is-segwenti ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. Illi s-socjeta` rikorrenti tkun awtorizzata tezegwixxi l-istess titolu fil-konfront tal-intimati fuq indikati ghall-bilanc dovut;

ii. Illi tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv stante li ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-istess kuntratt u stante li d-dejn ghadu mhux saldat kollu;

iii. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mis-socjeta` rikorrenti;

Sodisfatta li l-intimati fuq indikati gew debitament notifikati b'din il-procedura skont il-ligi permezz tal-pubblikazzjoni;

Tirrileva li nonostante cio` l-intimati baqghu in kontumacia;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-intimati kkonkludew kuntratt ta' self u kompra-vendita datat is-16 ta' Novembru, 2005, in atti tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg, li permezz tieghu inghataw self ai termini tal-istess kondizzjonijiet hemm pattwiti;

Illi jidher li l-intimati effettwaw xi pagamenti pero` ghad fadlilhom jirrifondu d-differenza;

Illi mid-data tal-imsemmi kuntratt ghaddew aktar minn tlett (3) snin;

Ghaldaqstant, in vista tal-artikoli 253 (6) u 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tiddikjara li ghadda perjodu ta’ aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-kuntratt in dizamina fuq riferit:

1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c. hi awtorizzata tezegwixxi t-titolu esekuttiv naxxenti mill-imsemmi kuntratt ghall-bilanc lilha dovut;

2. Tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq indikat stante li d-dejn ghadu ma giex saldat kollu mill-intimati;

3. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti mid-data tar-rikors promotur sad-data tal-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------